MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1099/1993/1

**Mario Sacco**

**Vs**

**Peter F. Muscat Scerri u Joseph Vella, Diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rimus Riley Limited**

**Il-Qorti;**

**I** **<u>Preliminari</u>**

1. Dana l-appell hu dwar allegazzjoni ta’ terminazzjoni ingusta ta’ kuntratt ta’ xoghol.

2. Bic-citazzjoni pprezentata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta:-

illi b’kuntratt tax-xoghol tal-11 ta’ Settembru 1991, il-konvenuti nomine impjegaw lill-attur bhala electrical electronic technician b’kuntratt ghal zmien definit cioe` ghall-perjodu ta’ sena rinovabbli kull sena sakemm xi wahda mill-partijiet taghti avviz lill-ohra ta’ terminazzjoni, almenu tlett xhur qabel id-data tar-renova tal-imsemmi kuntratt (Dokument A); u

illi l-istess kutratt gie renovat fil-11 ta’ Settembru 1992; u

illi, fuq pretest illi l-attur kien abbanduna l-impjieg, il-konvenuti nomine itterminaw l-istess kuntratt tax-xoghol unilateralment, permezz ta’ ittra tal-14 ta’ April 1993; u

illi l-istess terminazzjoni ma kenitx ghal raguni valida skond il-ligi, il-kuntratt gie ghalhekk terminat ingustament kwazi hames xhur qabel iz-zmien tal-gheluq tieghu, u kwindi l-konvenuti nomine huma obbligati li jhallsu lill-attur nofs il-paga ghaz-zmien li kien fadal mil-kuntratt ta’ sena li bdiet tghaddi fil-11 ta’ Settembru 1992 (Kap 135, Art 34 (II) tal-Ligijiet ta’ Malta); u

illi l-konvenuti nomine irrifjutaw illi jhallsu lill-attur il-kumpens dovut skond il-ligi;

L-istess attur talab lil dik l-Onorabbli Qorti:-

1) Tiddikjara illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur da parti tal-konvenuti nomine, li saret fl-14 ta’ April 1993, kienet bla kawza gusta qabel ma skada z-zmien tal-kuntratt tax-xoghol ghal zmien definit maghmul bejn il-partijiet fil-11 ta’ Settembru 1992, u kwindi

2) Tikkundanna l-konvenuti nomine li jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi likwidata, ekwivalenti ghal nofs is-salarju

shih li kien ikun pagabbli lill-attur ghall-bqija tal-perjodu tal-kuntratt tax-xoghol definit.

Bl-interessi u bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

3. Fin-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, l-istess socjeta` ecceppiet illi:-

“Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-attur ili abbanduna l-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta u ma kienux l-eccipjenti nomine, kuntrarjament ghal dak illi qed jigi allegat, illi tterminaw l-impjieg tal-attur”.

4. Is-socjeta` konvenuta ipprezentat kontro-talba li biha ippremettiet:-

Illi l-eccipjenti nomine jridu jinqdew bic-citazzjoni illi l-attur ghamel sabiex jintavolaw kontro-talba fis-sens illi, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni,

In forza tal-kuntratt tax-xoghol esebit mac-citazzjoni u markat Dokument 'A’ is-socjeta` konvenuta impjegat lill-attur bhala “electrical technician” ghall-perijodu definit ta’ sena dekorribbli mill-11 ta’ Settembru 1991 rinovabbli kull sena kemm il-darba xi wahda mill-partijiet ma taghtix lill-ohra avviz ghall-kuntrarju ghall-inqas tlett xhur qabel l-iskadenza tal-perijodu ta’ impjieg allura korrenti ; u

L-ahhar renova saret fil-11 ta’ Settembru 1992 u ghalhekk l-impjieg tal-attur gie estiz sal-10 ta’ Settembru 1993, u

Ghar-ragunijiet mhux ben noti lill-konvenuti nomine, l-attur abbanduna l-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta fit-13 ta’ April 1993; u

Bhala rizultat ta’ dan l-agir abusiv u ingustifikat da paret tal-attur, is-socjeta` konvenuta a tenur tal-Artikolu 34 – Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha dritt li titlob minghand l-attur il-hlas ta’ somma ekwivalenti ghan-nofs il-paga lilu pagabbli ghaz-zmien li kien ghad fadal mill-

kuntratt cioe` mit-13 ta’ April 1993 sal-10 ta’ Settembru 1993.

L-istess konvenuti nomine ghar-ragunijiet premessi talbu lil dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi t-terminazzjoni tal-impjieg da parte tal-attur kienet bla ebda raguni valida fil-ligi u kwindi saret qabel ma ghalaq iz-zmien definit ta’ sena allura korrenti li kellu jiskadi fl-10 ta’ Settembru 1993; u

2. Konsegwentament l-attur jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` konvenuta dik is-somma li ghandha tigi likwidata ekwivalenti ghan-nofs il-paga li l-attur kien intitolat ghaliha bejn id-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt sal-10 ta’ Settembru 1993;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-likwidazzjoni kontra l-attur.

5. L-attur ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn l-istess attur eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk jimmeritaw li jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra is-socjeta` konvenuta. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

6. L-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza billi testwalment qalet hekk:
**“Tilqa` t-talbiet attrici,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, u ghalhekk;-

(1) Tiddikjara illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur da parti tal-konvenuti nomine, li saret fl-14 ta’ April 1993, kienet bla kawza gusta qabel ma skada z-zmien tal-kuntratt tax-xoghol ghaz-zmien definit maghmul bejn il-partijiet fil-11 ta’ Settembru 1991, kif rinnovat fil-11 ta’ Settembru 1992, u kwindi

(2) Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur l-ammont ta’ sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltija u sittax

il-centezmu (Lm644.16), ekwivalenti ghan-nofs is-salarju shih li kien ikun pagabbli lill-attur ghall-bqija tal-perjodu tal-kuntratt tax-xoghol definit.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, 13 ta' Awissu 1993 sal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Illi in kwantu il-**Kontro-Talba tas-socjeta` konvenuta,** din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, u ghall-motivi fuq indikti, **tichad l-istess talbiet tas-socjeta` konvenuta kif kontenuti fl-istess kontro-talba,** stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, anke ghaliex ma jirrizultax li kien l-attur li ttermina l-impjieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta, izda kienet is-socjeta` konvenut li tterminat l-impjieg tal-attur minn maghha, u ghalhekk tilqa` l-eccezzjonijiet tal-istess attur ghall-istess rikonvenzjoni.

Bl-ispejjez kollha tal-istess ukoll kontra s-socjeta` konvenuta."

7. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, wara li kkunsidrat hekk:-

" (a) <u>Natura tal-kwistjoni.</u>

Illi mill-provi jirrizult li l-attur kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala **Electrical Electronic Technician**, permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Settembru 1991 (fol3), liema kuntratt kien ghall-perjodu ta' sena b'effett mid-data tal-istess kuntratt, rinnovabbli ghall-perjodu ta' sena jekk ma jinghatax avviz bil-miktub minn wahda mill-konraenti, almenu tlett xhur qabel id-data ta' kull rinnovament annwali.  Dan kollu skond l-artikolu 1B tal-istess skrittura privata.

Illi jirrizulta li dan il-kuntratt gie rinnovat ghall-perjodu ulterjuri ta' sena b'effett mill-11 ta' Settembru 1992, u ghalhekk kien jestendi sal-10 ta' Settembru 1993.

Illi il-kwistjoni lamentata, mertu tal-kawza odjerna grat fl-14 ta’ April 1993, u cioe` hames (5) xhur qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt ta’ impjieg allura vigenti bejn il-partijiet, u dwar dan kollu l-partijiet certament li jaqblu.

Illi l-kwistjoni kollha tirrivolgi ruhha dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tal-istess attur mas-socjeta` konvenuta. L-attur qed isostni li s-socjeta` konvenuta itterminatlu l-impjieg tieghu bla raguni valida fil-ligi, mentri s-socjeta` konvenuta qed issostni li kien l-istess attur li abbanduna l-impjieg tieghu u kien l-istess attur li ghalhekk ittermina l-istess.

(b) <u>Provi dwar l-istess.</u>

Illi l-fattispecie li taw lok ghall-kaz odjern huma is-segwenti:-

Illi l-attur applika ghal jumejn ***leave*** ghall-gimgha li tibda fit-12 ta’ April 1993, liema ***leave*** ma giex approvat, stante li s-socjeta` konvenuta ikkontendiet illi kien hemm xoghol urgenti fil-fabbrika li kellu issir minnu. Fil-fatt l-attur dahal ghax-xoghol fit-12 ta’ April 1993, u waqt li mar jixtri xi ***“thinner”*** ghall-istess, bil-karozza tieghu, huwa kien involut f’incident stradali bil-karozza tieghu, li soffriet hsarat, u informa lis-socjeta` konvenuta li ma kienx diehel ghax-xoghol ghall-jumejn ta’ wara minhabba li ried jirranga l-affarijiet mal-*Insurance.* Fil-fatt meta irritorna l-fabbrika wara jumejn, il-kumpanija ma accettatux lura ghax-xoghol, proprio li minhabba tali nuqqas tieghu li jattendi ghax-xoghol gie interpretat bhala li abbanduna x-xoghol tieghu. Min-naha l-ohra l-attur qed isostni li huwa kien informa lil Kynan Muscat Scerri li kien ser jiehu jumejn ***leave*** u dawn gew awtorizzati, u wara tali jumejn dahal ghax-xoghol u gie mkecci. Illi min-naha l-ohra tas-socjeta` konvenuta qed issostni li l-attur assenta ruhu ghal jumejn minghajr ma ha l-permess mehtieg.

(c) <u>Terminazzjoni ta’ Impjieg</u>

Illi f’dan il-kuntest l-ewwel li jrid jigi deciz huwa kif gie terminat l-impjieg tal-attur mas-socjeta` konvenuta. Illi ma hemmx dubju, anke a bazi tal-kontro-talba li tressqet mill-

istess socjeta` konvenuta, li din qed tikkontendi li l-impjieg gie tterminat mill-istess attur innfisu peress li huwa abbanduna x-xoghol, u ghalhekk kien l-attur stess li kiser il-kuntratt ta’ impjieg tieghu, billu huwa innifsu ittermina l-impjieg tieghu, u ghalhekk ukoll abbanduna l-kuntratt tax-xoghol tieghu.

Illi mill-provi dan assolutament ma jirrizultax; anzi mill-provi jirrizulta li kienet is-socjeta` konvenuta li itterminat l-impjieg tal-attur minn maghha peress li skond hija kien assenta ruhu ghax-xoghol fit-dati ta’ April 1993 u fl-14 ta’ April 1993, u meta dahal lura ghax-xoghol fil-15 ta’ April 1993, gie informat li jista` jmur lura d-dar stante li jinsab sospiz, u kellu jircievi iktar struzzjonijiet bil-miktub id-dar, dwar il-passi dixxiplinari li l-kumpanija kienet ser tieghu fil-konfront tieghu.

Dan ma jidhirx li sar, la waqt l-inkontri li saru bejn il-partijiet u rapprezentanti tal-Union sussegwentement, u lanqas mill-korrispondenza li giet esebita.  Fil-fatt mill-korrispondenza tal-istess socjeta` konvenuta nnifisha jirrizulta li fl-14 ta’ April 1993, kienet gia informat lill-attur li qieset in-nuqqas tieghu li jattendi ghax-xoghol fit-13 ta’ April 1993, bhala li huwa ttermina l-impjieg tieghu minghajr ma ta n-*notice* adegwat lis-socjeta` konvenuta. Fit-3 ta’ Mejju 1993, giet ripetuta l-istess verzjoni.

Illi tali verzjoni tas-socjeta` knvenuta ma tistax tigi accettata, peress li mill-fatti mkien ma jirrizulta li l-attur abbanduna x-xoghol minn mas-socjeta` konvenuta, u dan fis-sens li l-attur ma marx izjed ghax-xoghol u ried li unilateralment jittermina l-impjieg tieghu u l-kuntratt minn mas-socjeta’.  Din assolutament ma tirrizulta minn imkien mill-provi prodotti.

(d) Kontro-Talba

Dak li jirrizulta huwa, li l-istess attur ma marx ghax-xoghol ghall-jumejn ghaliex hadhom ***leave,*** mentri is-socjeta’ konvenuta qed issostni li dan ma setghax jaghmlu, peress li ma kienx awtorizzat li jiehu l-***leave***.  Meta l-attur irritorna ghax-xoghol, gie mibghut lura id-dar mill-istess socjeta’

konvenuta. Illi ghalhekk ma hemm ebda dubju li apparti dawk il-jumejn li l-attur assenta ruhhu mix-xoghol, l-attur mar ghax-xoghol regolarment sakemm gie mwaqqaf mis-socjeta' konvenuta.

Hawn qed issir id-distinzjoni cara, bejn **terminazzjoni ta' impjieg da parte tas-socjeta' konvenuta peress li l-attur kiser il-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu,** u allura f' dan il-kaz it-tezi tkun li saret terminazzjoni ta' impjieg tal-attur mis-socjeta' konvenuta minhabba raguni giusta, u **terminazzjoni ta' impjieg tal-istess attur minn mas-socjeta' konvenuta, mill-istess attur innifsu**, peress li dan abbanduna x-xoghol tieghu. Is-socjeta' konvenuta ghamlet il-posizzjoni taghha f' din il-kawza cara mill-bidu, kemm bil-korrispondenza fuq riferita, kif ukoll fin-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha a fol. 12 tal-process fejn sostniet li:-

***"Illi id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt <u>stante li kien l-attur li abbanduna l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta</u> u ghalhekk ma kienux l-eccipjenti nomine, kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat, illi itterminaw l-impjieg tal-attur".*** L-istess jinghad fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, anzi hija il-bazi tat-talbiet taghhom fejn qed jintalab li jigi dikjarat li minhabba li "l***-attur abbanduna l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta fit-13 ta' April 1993",*** illi ***"it-terminazzjoni tal-impjieg da parte tal-attur kienet bla ebda raguni valida fil-ligi….."***.

Illi l-fatti kif esposti mix-xhieda, anke dik prodotta mis-socjeta' konvenuta, assolutament huma kontrarji ghall-allegazzjonijiet attrici, peress li mill-istess provi jirrizulta, li **<u>s-socjeta' konvenuta waqqfet lill-attur milli jkompli bl-impjieg tieghu meta huwa irritorna ghax-xoghol fil-15 ta' April 1993</u>**, u fil-fatt issospendiethu immedjetament mix-xoghol, pendenti passi ohra li kellu jircievi, li fil-fatt ma irceviex.
Illi jidher car minn dak premess, li l-posizzjoni legali f' dawn ic-cirkostanzi, kienet li l-istess socjeta' itterminat hija l-impjieg tal-attur minn maghha, peress li skond huma kisser il-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu, billi ma attendiex

ghax-xoghol, skond huma bla permess, u allura ghal raguni valida skond il-ligi.

Illi hemm differenza sostanzjali, kemm fattwali u kemm legali, bejn li impjegat jiehu il-***leave*** minghajr permess, u bejn abbandun tax-xoghol u tal-kuntratt mill-istess impjegat. Il-konsegwenzi u ir-risultanzi huma ben differenti, peress li fl-ewwel kaz tista' twassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg da parte tal-kumpanija fuq raguni valida, mentri fit-tieni wahda it-terminazzjoni tal-impjieg issir mill-impjegat, u f' dan l-ahhar kaz biss japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 34 (12) tal-Kap 135**. Illi s-socjeta' konvenuta ghazlet li tagixxi fuq it-tieni opzioni, u fil-kuntest tal-provi prodotti, din assolutament ma tregghiex, peress li ma giex ippruvat li fi kliem l-istess artikolu "***<u>l-impjegat telaq mis-servizz tal-principal tieghu</u>"***.

(e) <u>It-Talbiet attrici - Tkeccija ghar-raguni valida jew le.</u>

Illi stabilit il-premess, jonqos li jigi stabilit jekk it-terminazzjoni tal-impjieg da parte tas-socjeta' konvenuta kienitx ghar-**raguni valida** skond il-ligi, dan apparti il-konsiderazzjoni ta' abbandun, li gia giet trattata.

Illi din tirrivolgi ruhha dwar il-***leave*** li ha l-attur fit-13 u 14 ta' April 1993. Skond l-attur dan hadhu bil-permess tas-socjeta' konvenuta, waqt li is-socjeta' konvenuta issotni li dan hadhu nonostante id-divjet taghha.

Illi fl-affidivat tieghu l-attur isostni li kien talab il-*leave* ghal proprio dik il-gimgha, minn gimgha qabel, u dan gie rifjutat lilu minhabba xoghol ta' natura urgenti li kien hemm fl-istess kumpanija, pero` minhabba l-incident stradali li kien involut fih proprio fit-12 ta' April 1993, meta kien qed jaghmel xoghol tal-kumpanija, huwa qed isostni li dan il-permess inghatalu mis-Sur Muscat Scerri. Fil-fatt huwa ha tali granet ***leave***.

Illi minn naha l-ohra is-socjeta' konvenuta issostni li tali astensjoni mix-xoghol da parte tal-attur, saret kontra id-divjet espress tal-istess socjeta'. Illi pero jirrizulta ukoll li

s-socjeta' konvenuta ma keccitx lill-impjegat taghha fuq il-pretiza li ha ***leave*** minghajr permess, u dan apparti li jwasslu ghall-konkulzzjonijiet gia fuq indikati, jindikaw mill-ewwel li r-raguni ghaliex gie terminat l-impjieg tal-attur mis-socjeta' konvenuta ma hijiex gustifikata.

Illi jekk wiehed kellu jezamina l-fatti, in vista anke tal-kuntratt ta' impjieg ezistenti bejn il-partijiet, jirrizulta li ai termini tal-paragrafu (d) tal-**iSpecial Conditions "Appendix A"** a fol. 6 tal-process jinghad illi:-

***"The remaining optional leave must be booked well in advance when possible. The company retains absolute descretion in granting and withholding requests for leave. Unauthorised leave can lead to disciplinary action and or dismissal"***.

Illi mill-kumpless tal-provi, jirrizulta certament li kien hemm cirkostanzi partikolari ghaliex intalab il-***leave*** mill-istess attur, fil-granet indikati, u senjatament li kien involut bil-karozza privata tieghu gurnata qabel waqt li kien qed jaghmel xoghol tal-istess socjeta', u allura htieglu jirranga l-istess affarijiet in konnessjoni mal-istess. Il-versjoni tal-attur hija li huwa talab ghal dan il-***leave***, wara li inqala' l-istess incident lil Keean Muscat Scerri, li tah l-istess ***leave***. Dan huwa kontradett mill-istess Keean Muscat Scerri, li sostna li lanqas biss intalab lilhu l-***leave,*** u kieku intalab kien jichadulhu peress li il-kumpanija kellha xoghol urgenti in konnessjoni ma' ***claim*** tal-***insurance***.

Illi fid-dawl tal-premess, din il-Qorti thoss, li l-allegazzjoni tal-attur hija iktar verosimili, u dan minhabba il-fatt, li l-istess attur kien konsistenti dwar l-istess mill-bidu nett, waqt li s-socjeta' konvenuta, anke tramite ix-xhieda ta' Keenan Muscat Scerri uriet certi dubji, dwar il-kliem li inghad bejnhu u bejn l-attur. Dan apparti li l-istess socjeta' konvenuta ghazlet il-premessa, li l-attur kien abbanduna ix-xoghol, meta in effetti irrizulta, li dan ma kienx minnhu, izda kienet kwistjoni ta' ***leave,*** u jekk tali procedura gietx segwita in konnessjoni mal-istess.

Illi *di piu* nonostante l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta, li tali nuqqas tal-attur fuq il-post tax-xoghol, ippregudika serjament ix-xoghol tal-istess socjeta', kemm kwantu il-***claim*** pendenti mal-***insurance***, u kemm ghas-sigurta' tal-istess impjegati, dwar dawn l-allegazzjonijiet is-socjeta' konvenuta ma gabhet provi ta' xejn, u kwindi ma hemmx provi li s-socjeta' soffriet xi pregudizzju serju.

Illi apparti dan, jigi ukoll rilevat, li l-istess kuntratt bejn il-partijiet jiehu in konsiderazzjoni li ***leave*** jista' jintalab anke meta ma jistax jinghata pre-avviz bil-quddiem, u dan huwa spjegat bil-kliem ***"whenever possible".*** Ovvjament fic-cirkostanzi, tenut kont tal-incident li gara, ma kienx possibbli li dan isir.

Illi pero` jinghad ukoll ghall-grazzja tal-argument, li anke kieku tali permess ma intalabx, u l-attur ma marx ghax-xoghol, l-istess ***agreement*** jghid li is-socjeta' konvenuta **<u>tista tiehu passi dixxiplinari u/jew tkeccija</u>**.

Illi minn imkien ma jidher li tali socjeta' konvenuta agixxiet a bazi ta' dan l-artikolu. Inghatat lill-attur biss sospensjoni, u ma giet komunikata lilhu ebda azzjoni a bazi tal-istess. Invece agixxew fuq it-tezi li l-attur kien abbanduna ix-xoghol u il-kuntratt, haga li assolutament ma tirrizultax u ma gietx ippruvata, u a bazi tal-fatti esposti, ma ghandha ebda fondament legali u fattwali.

Illi *di piu* ghall grazzja tal-argument, kieku l-attur ha l-istess *leave* minghajr permess, meta wiehed jikkonsidra il-fattispecie kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li tul l-impjieg tieghu ma jirrizultax li l-attur kellhu xi forma ta' ***warnings***, jew xi disgwid iehor mal-istess socjeta', jew xi ilmenti ohra fuq xogholu, certament li dan in-nuqqas uniku ma ghandhux iwassal ghall azzjoni drastika ta' telf ta' impjieg, u l-artikolu stess fil-ftehim jipprovdi ghall-istess billi jikkonsidra azzjonijiet dixxiplinari u/jew tkeccija. F' kull kuntest it-tkeccija ma kienitx l-unika triq miftuha lis-socjeta' konvenuta, u tali tkeccija lanqas kienet **mandatorja**, izda biss fakoltattiva, ovvjament tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluz il-komportament antecedenti tal-istess attur fuq xogholu.

Certament il-Qorti thoss, li tkeccija taht dawn ic-cirkostanzi, hija severa wisq, u fi kwalunkwe kaz it-tkeccija hija l-ahhar azzjoni li l-istess principal ghandhu jiehu verso l-impjegat tieghu, u ghalhekk anke a bazi tal-premess, jirrizulta li t-tkeccija tal-attur minn mas-socjeta' konvenuta ma hijiex giustifikata.

## III. LIKWIDAZZJONI

Illi ai termini tal-**artikolu 34 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta** jinghad illi:-

***"Principal li jibghat 'l barra impjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f' kuntratt ta' servizz ikollu jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem"***.

Illi ghalhekk a bazi ta' dan, jirrizulta li l-attur kellu ai termini tal-pararafu 2 tal-ftehim datat 11 ta' Settembru 1991, paga ta' Lm2,080 fis-sena, u ikkalkulata ghall-hames xhur b' effett mit-13 ta' April 1993 sal-11 ta' Settembru 1993, tali paga kienet ta' Lm866.66. Maghha jigi kkalkulat l-ammont ta' Lm21.66 rappresentanti proporzjoni tal-"***cost of living increase"*** ghas-sena 1993, li kien ta' Lm52, kif jirrizulta mir-regolamenti relattivi. Illi apparti dan l-istess attur kellhu ***"weekly efficiency bonus"*** ta' Lm20 fil-gimgha, u allura ghall-20 gimgha ghandhu ukoll is-somma ta' Lm400. Dawn igibu total ta' Lm1,288.66.

Illi allura nofs is-salarju shih ai termini tal-**artikolu 34 tal-Kap 135** huwa ta' Lm644.16, u ghalhekk qed jigi minn din il-Qorti likwidat l-istess ammont ta' Lm644.16, ai fini tat-tieni talba attrici."

## II L-Appell

8. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk interponiet appella minnha quddiem din il-Qorti:

Ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors ta’ l-Appell taghha, is-socjeta` appellanti talbet li din l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija fit-13 ta’ Jannar 2000 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b’hekk tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, tilqa t-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` appellanti billi tiddikjara illi t-terminazzjoni tal-impieg da parte tal-attur kienet bla raguni valida fil-ligi u kwindi saret qabel ma ghalaq iz-zmien definit tal-kuntratt tas-servizz; tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta` appellanti fis-somma ta’ LM644.16 ekwivalenti ghan-nofs is-salarju lilu dovut ghall-perjodu rimanenti tal-kuntratt definitiv ta’ serizz u tikkundanna lill-attur ihallas l-istess somma lis-socjeta` appellanti bl-imghax legali u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

9. Fir-risposta dettaljata tieghu l-attur appellat ressaq ir-ragunijiet tieghu ghaliex l-appell kellu jigi michud. Huwa ghalhekk talab l-aggravvji imressqa mis-socjeta` appellanti jigu skartati u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**III <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

10. L-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha u li ghalhekk hija waslet biex ghamlet konkluzjoni erronea.

11. Din il-kawza tipprezenta kwistjoni ta’ apprezzament ta’ provi billi bejn il-provi tal-attur appellat u l-provi tas-socjeta’ appellanti hemm konflitt serju. Infatti, filwaqt li m’hemm l-ebda dubju li l-impieg tal-appellat mas-socjeta` appellanti gie terminat wara li l-attur ha jumejn “leave”, il-kontendenti ma jaqblux dwar ir-raguni tat-terminazzjoni. L-attur isosnti li dan sehh minghajr ebda raguni valida billi l-kuntratt tax-xoghol gie unilateralment terminat mas-socjeta` appellanti wara li hu kien gie awtorizzat li jiehu l-“leave” in kwistjoni.

12. Mill-banda l-ohra s-socjeta` appellanti issotni li l-jumejn “leave” l-attur hadhom minghajr ma ottjena l-awtorizazzjoni tas-socjeta` appellanti. Skond l-istess socjeta`, din kienet raguni valida biex twassal ghat-terminazzjoni prematur tal-impieg tal-appellat. Pero`, fl-istess nifs is-socjeta` appellanti tinserixxi li kien l-appellat li abbanduna x-xoghol.

13. Ir-rikors tal-appell u r-risposta tal-appell jaghmlu accenn ghall-provi migbura mill-ewwel Qorti u jenfasizzaw dawk li l-aktar isahhu it-tezi rispettiva taghhom u jikkummetaw dwar il-verosimiljanza o meno tal-istess tezijiet. Issa hu principju imtenni f’ghadd bla qies ta’ appelli li normalment din il-Qorti ta’ l-Appell ma tiddisturbax l-uzu tad-diskrezzjoni li taghmel il-Qorti tal-ewwel istanza fl-apprezzament u l-valutazzjoni tal-provi migbura, ammeno che` din il-Qorti ma tkunx konvinta li dak l-apprezzament kien manifestament zbaljat u allura tghaddi biex tikkoregih biex b’hekk tevita ingustizzja lampanti.

14. Fil-kaz odjern hemm konflitt serju fil-provi l-aktar bejn ix-xhieda ta’ l-appellat u bejn ix-xhieda tad-direttur tas-socjeta` appellanti Keenan (jew Kynan) Muscat Scerri. L-Ewwel Qorti dehrilha li t-tezi ta’ l-attur kienet ferm iktar accettabbli u verosimili minn dik tas-socjeta` appellanti ghar-ragunijiet li l-ewwel Qorti spjegat b’mod car fis-sentenza taghha. Din il-Qorti mhux biss ma ssib xejn manifestament hazin fl-apprezzament tal-provi u r-ragunar tal-ewwel Qorti, talli din il-Qorti jidhrilha li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta u gusta. Ghalhekk l-ewwel aggravvju tas-socjeta` appellanti ma jistax jintlaqa`.

15. It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti huwa kritika tal-mod kif l-ewwel Qorti iddecidiet li kellu jithallas l-imghax fuq is-sorte. L-appellanti tghid li l-Qorti erroneament ddecidiet illi l-imghax ghandu jibqa` jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni meta lanqas ma kien hemm talba f’dan is-sens u meta l-ammont mitlub kien ghadu ma giex likwidat. Ghalhekk is-socjeta` appellanti issostni li l-imghax talvolta dovut

ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-prim'istanza cioe` it-13 ta' Jannar 2000.

16. Dwar dana l-aggravju, l-appellat wiegeb testwalment hekk:-
"Fir-rigward tat-tieni aggravju, jigi rilevat illi ghalkemm permezz tat-tieni domanda, l-esponent talab lill-Qorti li tikkundanna l-konvenuti nomine li jhallsuh dik is-somma li tigi likwidata, l-esponent kompla jzid "ekwivalent ghal nofs is-salarju shih li kien ikun pagabbli lill-attur, ghall-bqija tal-perjodu tal-kuntratt tax-xoghol definit".

Ghalhekk, minkejja d-dicitura tad-domanda, l-ammont pagabbli lill-attur appellat kien agevolment accertabbli u *di facile liquidazione*. Fil-fatt, mill-premessi stess tac-citazzjoni, jirrizulta mhux biss meta kien jaghlaq il-kuntratt tax-xoghol, imma anke d-data tat-terminazzjoni. L-ammont tas-salarju/paga kien jirrizulta wkoll mid-dokument A anness mac-citazzjoni. Kwindi, dak li kien qed jigi mitlub kien facilment accertabbli mill-istess citazzjoni u d-dokumenti esebiti maghha."

L-istess appellat ghamel riferenza wkoll ghal xi sentenzi ta' dawn il-Qrati biex isahhah it-tezi tieghu.

17. Ghalkemm bhala regola l-argument tas-socjeta` appellanti dwar l-imghax huwa korrett, pero` anke ghan din ir-regola hemm l-eccezzjonijiet. Wiehed minnhom huwa proprju il-kaz meta l-likwidazzjoni tas-sorte tkun facilment tista' ssir anke mill-att tac-citazzjoni stess jew mid-dokumenti pprezentati maghha. Kull ma kien mehtieg biex wiehed jistabilixxi s-somma pretiza mill-attur kien semplici kalkolu ta' matematika - ezattament kif ghamlet l-ewwel Qorti. Dan il-kalkolu setghet ghamlitu skoll is-socjeta' appellanti. Li kieku din riedet tezimi ruhha mir-responsabilita` ghall-imghaxijiet dovuti, hija setghet iddepozitat l-ammont tas-sorte fir-registru ta' din il-Qorti, pero` dan m'ghamlitux. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba dak li l-ewwel Qorti ddecidiet dwar l-

imghax dovut fuq is-sorte. Ghalhekk anke dana l-aggravju ma kienx lok li jintlaqa'.

18. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma "in toto" is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu wkoll mis-socjeta` appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------